# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **829/2021**

**MASHUK MIAH**
**(PERMESS TA' RESIDENZA NUMRU 082818A)**
**U**
**SAJNA BEGUM**
**(PASSAPORT NUMRU EA0762737)**

**VS**

**L-UFFIĊJAL PRINĊIPALI TAL-IMMIGRAZZJONI,**
**IL-MINISTRU GĦALL-INTERN U S-SIGURTA' NAZZJONALI**
**GĦAL KULL INTERESS LI JISTA' JKOLLU, U**
**L-AVUKAT TAL-ISTAT**
**GĦAL KULL INTERESS LI JISTA' JKOLLU**

**Seduta ta' nhar It-Tlieta, 4 t'Ottubru 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija talba sabiex din il-Qorti tistħarreġ jekk id-deċiżjoni min-naħa tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex il-pożizzjoni ta' Sajna Begum

f'Malta ma tiġix regolarizzata tikkostitwixxix egħmil amministrattiv fit-termini tal-Artikolu 469A(2), u, fil-każ illi huwa hekk, tindaga jekk tali deċiżjoni tteħditx bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(a) u 469A(1)(b)(iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi *inter alia* tmur kontra d-dritt fundamentali tar-rikorrenti għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat minn Dr Matthew Paris kif debitament awtorizzat datat dsatax (19) t'Awwissu 2021, **Mashuk Miah u Sajna Begum** ippremettew:

    a. Illi r-rikorrenti Mashuk Miah u Sajna Begum iżżewġu nhar it-tmintax (18) t'April 2008 ġewwa Sylhet, Bangladesh (kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ anness mar-rikors ġuramentat bħala **Dok A**);

    b. Illi r-rikorrenti Mashuk Miah jirrisjedi ġewwa Malta abbażi tal-Permess ta' Residenza bin-numru 082818A li jistipula li huwa jgawdi minn *Specific Residence Authorisation* (**Dok B**)

    c. Illi martu Sanja Begum ġiet imċaħħda mill-possibilita' li tissottometti applikazzjoni sabiex tirregola l-pożizzjoni tagħha ġewwa Malta għaliex sabiex tagħmel dan hija għandha bżonn permess ta' residenza validu jew VISA;

    d. Illi l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ġie interpellat diversi drabi sabiex tittieħed azzjoni sabiex ir-rikorrenti Sanja Begum tkun tista' tirregola l-pożizzjoni tagħha ġewwa Malta, inkluż b'ittra bonarja datata tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju 2020, kif ukoll b'ittra uffiċjali datata sittax (16) ta' Diċembru 2020 bin-numru 4364/220 (**Dok Ċ**), iżda huwa baqa' inadempjenti;

e. Illi nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2021, l-Avukat tal-Istat intavola ittra responsiva fejn allega li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, madankollu ma rrimedjax is-sitwazzjoni tar-rikorrenti;

a. Illi dan l-aġir tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li ma jirregolax il-pożizzjoni tar-rikorrenti, jikkostitwixxi deċiżjoni ai termini tal-artikolu 469A(2) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Illi dan l-għemil amministrattiv jikser il-prinċipji Kostituzzjonali u artikolu 8 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għar-raġunijiet li ġejjin;

c. Illi skont l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif riflett f'artikolu 8 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-raġel u l-mara għandhom dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja;

d. Illi dan id-dritt ta' rispett tal-ħajja privata u tal-familja huwa assodat permezz ta' diversi Direttivi tal-Unjoni Ewropea, inkluż Direttiva 2011/95/EU li f'artikolu 23 tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jassiguraw illi l-unita' tal-familja tiġi miżmuma;

e. Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani fil-kawża **Marckx v. Belgium** (Numru tal-Applikazzjoni 6833/74) deċiża nhar it-13 ta' Ġunju 1979, f'punt 31 tad-deċiżjoni iddikjarat li element essenzjali tal-ħajja tal-familja huwa d-dritt li l-membri tal-familja jgħixu flimkien sabiex ir-relazzjonijiet familjali jkunu jistgħu jiżviluppaw b'mod normali;

f. Illi l-obbligu pożittiv li Stat Membru għandu sabiex iħares dan id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja ġie ikkonfermat diversi drabi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani, inkluż fil-kawża ***B.A.C. v. Greece*** (Numru tal-Applikazzjoni 11981/15) deċiża nhar it-12 ta' Ottubru 2016 fejn il-Qorti enfasizzat li:

> *"it has affirmed on many occasions that under Article 8 of the Convention the positive obligation of the State*

*inherent in an effective respect for private life may involve the adoption of an effective and accessible procedure designed to secure respect for private life, and in particular the introduction of a statutory framework setting up an enforceable judicial mechanism to protect individuals' rights and, if necessary, of appropriate specific measures*."

g. Illi dan ġie ikkonfermat diversi drabi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani, inkluż fil-kawża ***Hoti v. Croatia*** (Numru tal-applikazzjoni 63311/14) deċiża nhar is-26 t'April 2018, fejn il-Qorti saħqet li:

*The positive obligation under Article 8 may be read as imposing on States an obligation to provide an effective and accessible means of protecting the right to respect for private and/or family life (see Roche v. the United Kingdom [GC], no. 32555/96, § 162, ECHR 2005-X, and Abuhmaid ...). Article 8 requires, amongst other things, a domestic remedy allowing the competent national authority to deal with the substance of the relevant Convention complaint and to grant appropriate relief, although Contracting States are afforded some discretion as to the manner in which they conform to such an obligation (see Abuhmaid, cited above, § 118).*

Illi in vista ta' din il-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani, in-nuqqas tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li jirregola l-pożizzjoni tar-rikorrenti Sajna Begum imur kontra l-obbligazzjoni pożittiva li għandha Malta bħala Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jkollha in effett mekanizmu li jagħmilha possibli li d-drittijiet fundamentali ta' kwalunkwe persuna ġewwa t-territorju ta' Malta, ikunu imħarsa;

3. Għaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti Sajna Begum għandha raġuni għalfejn tibqa' Malta tul il-pendenza tas-smiegħ u tordna lill-Uffiċjali Prinċipali tal-Immigrazzjoni jirregola l-pożizzjoni tagħha tul dan il-perjodu sabiex hija tkun tista' tkun preżenti u tiddefendi ruħha tul dawn il-proċeduri;

ii. Tiddikjara u tiddeċiedi li d-deċiżjoni min-naħa tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jikkostitwixxi għemil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A(2) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Tiddikjara u tiddeċiedi li dan l-egħmil amministrattiv sar bi ksur tal-artikolu 469A (1)(a) u 469A(1)(b)(iv) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi inter alia jmur kontra d-dritt fundamentali tar-rikorrenti għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja;

iv. Tiddikjara u tiddeċiedi li t-talba tar-rikorrenti li tirregola l-pożizzjoni tagħha ġewwa Malta hija mistħoqqa u għandha tintlaqa' mill-intimat Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni;

Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tletin (30) t'Awwissu 2021, din il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu u jippreżentaw nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tad-difiża tagħhom, filwaqt illi ordnat lir-rikorrenti sabiex sa ġimgħatejn qabel is-seduta jippreżentaw nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tat-talba, jekk mhux ġia preżentati. Il-kawża ġiet appuntata għall-ewwel dehra għal nhar il-Ħamis, erbatax (14) t'Ottubru 2021;

5. Permezz ta' risposta ġuramentata datata ħdax (11) t'Ottubru 2021, il-konvenuti **Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali,** u **l-Avukat tal-Istat** eċċepew:

   F'dawk illi huma fatti:

   a. Illi *in primis* l-Avukat tal-Istat jispjega illi huwa jassisti lill-intimati l-oħra bhala rappreżentant legali tagħhom u m'għandu ebda konnoxxenza personali tal-fatti kif donnu jridu jagħtu l-impressjoni l-atturi;

   b. Illi l-Ministru intimat jirrileva illi l-immigration status ta' persuna hija regolata mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u mhux minnu;

   c. Illi l-Uffiċjal Principali tal-Immigrazzjoni jirrileva illi huwa jirregola l-posizzjoni ta' immigranti illegali ġewwa l-pajjiż fis-sens illi joħroġ u jesegwixxi *return decision* u *removal orders*. Madanakollu l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jirrileva illi fil-każ tal-attriċi Sajna Begum m'hemmx dawn l-ordnijiet fis-seħħ s'issa;

   F'dawk illi huma eċċezzjonijiet preliminari:

   d. Illi in linea preliminari, l-intimati Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali u l-Avukat tal-Istat jirrilevaw illi huma m'humiex il-leġittimi kontraditturi għall-pretensjonijiet vantati mir-rikorrenti *stante* illi deċiżjonijiet rigwardanti *immigration status* ma jaqgħux taħt il-mansjoni tal-istess Ministru u Avukat tal-Istat, u dan ukoll ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

   e. Illi in linea preliminari ukoll, in kwantu dina l-azzjoni hija bbażata fuq l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kaptiolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-intimati jeċċepixxu formalment illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija perenta ai termini tal-Artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

   f. Illi in linea preliminari l-esponenti jeċċepixxu n-nullità tar-rikors ġuramentat stante li ma saritx id-debita interpellazzjoni fil-konfront tal-

intimat Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali hekk kif meħtieġ ***ad validitatem*** a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-intimat;

g. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti qegħdin isejsu t-talbiet tagħhom abbażi tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitkellem dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva u fl-istess nifs qegħdin jallegaw illi l-aġir tal-konvenuti jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, speċifikament dawk protetti mill-Liġi taħt l-Artikoli 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 8 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fid-dawl ta' dawn l-artikoli, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu illi jitħassar l-aġir surreferit. Konsegwentement:

    i. It-talbiet tar-rikorrenti m'humiex proponibbli stante illi r-rikorrenti qatt ma jista jintavola kawża għal stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva u fl-istess nifs jitlob illi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ġew leżi abbażi tal-artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea;

    ii. Ċertament din il-Qorti kif vestita fil-Ġurisdizzjoni tagħha Ċivili għandha l-jedd semmai li tisma' lanzjanza ta' natura dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva imma qatt ma tista taqta' u tiddeċiedi illi xi drittijiet fundamentali ta' persuna ġew leżi stante illi din il-funzjoni tispetta bil-liġi lill-Qrati li għandhom funzjoni ta' natura Kostituzzjonali;

    iii. In kwantu l-proċeduri odjerni mhumiex proċeduri istitwiti a tenur tal-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċiedi dwar ilmenti dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali;

    iv. Illi azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju skont l-Artikolu 469A ma tistax issir abbażi ta' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali (ara sentenza fl-ismijiet "**Hall Christopher Vs Direttur Tad-Dipartiment Ghall-**

**Akkomodazzjoni Socjali Et**" (Ċit Nru 1/2003/1) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Settembru 2009 kif wkoll "**Cini Charles Vs Il-Prim Ministru Et**" deċiża fis-16 ta' Jannar 2018 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili diversament preseduta);

h. Illi l-konvenuti jeċċepixxu illi l-ewwel talba mfissra fir-rikors promotur hija improponibbli stante illi *interim measures* m'humiex proponibbli fi proċeduri Ċivili. Fi kwalunkwe każ, il-konvenuti jeċċepixxu illi proċeduri ċivili jistghu jitmexxew mingħajr l-attriċi preżenti fl-awla u dan għaliex jeżistu biżżejjed salvagwardji u mekkaniżmi sabiex attriċi f'kawża xorta waħda tmexxi proċeduri ġudizzjarji b'mod effettiv tramite rappreżentant legali u anki b'xhieda b'*video conference*. Konsegwentament tali talba għandha tiġi miċħuda in *limine litis*.

F'dawk illi huma eċċezzjonijiet fil-mertu:

i. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-konvenuti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

j. Illi *dato ma non concesso* li l-eċċezzjonijiet preċedenti ma jiġux akkolti, fir-rigward tal-mertu l-konvenuti jeċepixxu fl-ewwel lok illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;

k. Illi l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jirrileva illi fl-ittra uffiċjali 4364/20 datata 6 ta Diċembru 2020 l-atturi aċċennew u talbu lill-konvenut li *Specific Residence Authorisation* (SRA) tingħata lill-membri tal-familja kollha. Illi dan ġie mtenni wkoll f'ittra bonarja datata 22 ta' Mejju 2020 kif ukoll *e-mail* datata 12 ta' Awissu 2020 (tramite rappreżentant legali tal-atturi). Illi tenut kont dan, m'huwiex minnu illi l-atturi talbu lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex l-istatus ta' Sanja Begum tiġi regolarizzata *per se* imma li tingħata l-SRA. Din it-talba qatt ma setgħet tiġi milqugħa mill-konvenut stante illi l-SRA hija

regolata mill-Aġenzija Identity Malta (kopja tal-ittra bonarja datata 22 ta' Mejju 2020 u tal-*e-mail* tat-12 ta' Awissu 2020 annessi mar-risposta ġuramentata u mmarkati **Dok PIO1** u **Dok PIO2**);

l. Illi l-Ministru intimat jirrileva illi deċiżjonijiet rigwardanti *immigration status* ma jaqgħux taħt il-mansjoni diretta tal-Ministru u dan stante illi jeżistu awtoritajiet oħra li jirregolarizzaw dawn il-kwestjonijiet. Għalhekk fil-mertu ma jista jeċepixxi xejn altru illi m'huwiex il-legittimu kontradittur;

m. Illi l-Avukat tal-Istat jirrileva illi huwa ma kellu ebda involviment fid-deċiżjoni/jiet illi qegħdin jiġu kkontestati u ghalhekk ma hemm xejn li jista jeċċepixxi fil-mertu bħala intimat imħarrek;

n. Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet tar-rikorrent huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

o. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

**Provi**

6. Ir-rikorrenti **<u>Sanja Begum</u>** stqarret fl-affidavit tagħha[1] illi hija ġiet imwielda nhar is-sebgħa (7) ta' Mejju 1985 fil-Bangladesh[2], u żżewġet fit-tmintax (18) t'April 2008 lil Mashuk Miah[3], detentur tal-passaport tal-Bangladesh bin-numru BZ0273794. Żewġha Mashuk Miah beda jirrisjedi Malta fl-2011, inizjalment bħala *asylum seeker* u eventwalment bħala SRA mill-2016, kif jikkonferma l-permess ta' residenza tiegħu[4]. Fl-2017, hija applikat għal *family reunification permit* mal-awtoritajiet Maltin, li ġiet aċċettata, u nħareġ

[1] Vide **Dok A** a fol 34 tal-proċess
[2] Kopja tal-passaport tagħha ġiet annessa mal-affidavit bħala **Doc1** a fol 35 tal-proċess
[3] Kopja tal-passaport ta' żewġha ġiet annessa mal-affidavit bħala **Doc2** a fol 36 tal-proċess
[4] Kopja tal-permess ta' residenza ġiet annessa mal-affidavit bħala **Doc3** a fol 37 tal-proċess

fil-konfront tagħha permess ta' residenza nhar is-sebgħa (7) ta' Diċembru 2017[5]. Fl-2019, ippruvat iġġedded l-applikazzjoni tagħha, iżda din ġiet miċħuda fir-*reception* tal-Identity Malta, għaliex ma setgħetx iġġedded il-permessi tagħha fuq bażi ta' *family reunification* stante illi ma kellhiex visa valida. Hija ġiet infurmata illi l-unika entita' li setgħet tirrimedja s-sitwazzjoni kien l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni f'Malta, peress illi dan kien l-unika uffiċċju bl-awtorita' illi jeżamina l-każ, u, jekk ġustifikat, jagħti lill-applikant permess temporanju sabiex jolqot il-perjodu relattiv. Għaldaqstant, tgħid ir-rikorrenti, hija bagħtet ittra lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, fejn spjegatlu dak illi kien ġara, iżda r-risposta li kellha kienet waħda negattiva. Ir-rikorrenti kkonfermat illi hija residenti diliġenti, b'kondotta nadifa, u mhix ta' riskju għall-komunita', hekk kif saħansitra tikkonferma l-kondotta tagħha (**DOC5**);

7. Fix-xhieda tagħha **in kontro-eżami**[6], ir-rikorrenti Sajna Begum ikkonfermat illi hija kienet talbet sabiex il-posizzjoni tagħha bħala immigranta f'Malta tiġi regolarizzata, u illi l-Pulizija kienu rrispondew għar-risposta tagħha permezz t'*e-mail* mibgħuta fit-tlettax (13) t'Awwissu 2020. Hija kkonfermat ukoll illi l-Pulizija kienu informawha illi applikazzjonijiet għal SRA u *family reunification* jiġu aċċettati jew miċħuda mill-Aġenzija Identity Malta. Mistoqsija jekk kinitx intavolat xi ittra uffiċjali kontra l-Ministru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali, ir-rikorrenti wieġbet fl-affermattiv, iżda madanakollu dehret illi ma kinitx fehmet il-mistoqsija illi saritilha. Difatti, l-Avukat Dr Matthew Paris illi kien qiegħed jippatroċinaha, ddikjara illi l-unika ittra uffiċjali illi ġiet intavolata mill-istess rikorrenti kienet fil-konfront tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni[7];

8. L-istess fatti kkonfermahom ukoll ir-rikorrent **Mashuk Miah** fl-affidavit tiegħu[8]. In oltre, huwa kkonferma illi huwa impjegat f'Malta bħala *self-*

[5] Kopja tal-permess ta' residenza tagħha ġiet annessa mal-affidavit bħala **Doc4** a fol 38 tal-proċess
[6] Vide traskrizzjoni tax-xhieda ta' **Sajna Begum** in kontro-eżami, mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2022, a fol 149 tal-proċess
[7] Vide verbal tas-seduta tat-18 ta' Frar 2022, a fol 147 tal-proċess
[8] Vide **Dok B** a fol 40 tal-proċess

*employed* u jiġġestixxi negozju f'Birkirkara[9]. Huwa kkonferma wkoll illi martu hija eliġibbli għall-applikazzjoni tal-*family reunification* mal-Identity Malta, kif soġġett għall-ħruġ tal-permess mill-awtoritajiet Maltin relattivi. Flimkien mal-affidavit tiegħu, ir-rikorrent annetta wkoll ittra ta' rakkomandazzjoni mingħand l-*accountant* tiegħu, illi fiha ġie konfermat illi r-rikorrenti huma ċittadini ta' reputazzjoni tajba (**Doc5** a fol 48 tal-proċess);

9. Ir-rikorrenti preżentaw ukoll dokumentazzjoni mill-Aġenzija Identity Malta rigward l-applikazzjoni għat-tiġdid tal-permess ta' residenza tar-rikorrenti Sajna Begum, immarkata bħala **Dok C** a fol 49 *et seq* tal-proċess;

10. **Etienne Scicluna**, fil-kapaċita' tiegħu ta' Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali[10], esebixxa kopja ta' żewġ ittri uffiċjali, u cioe: (a) **Dok ES1** a fol 60 *et seq* tal-proċess, illi hija ittra uffiċjali bin-numru 4364/2020 datata sittax (16) ta' Diċembru 2020 spedita mir-rikorrenti lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni; u (b) **Dok ES2** a fol 63 *et seq* tal-proċess, illi hija ittra uffiċjali responsiva bin-numru 338/2021 datata sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2021 spedita mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni lir-rikorrenti;

11. **Ivan Curmi**, fil-kapaċita' tiegħu ta' *Reporting Officer* ġewwa *Reporting Unit* tal-Aġenzija Identity Malta[11], esebixxa: (a) kopja tal-file bid-dokumenti kollha relatati mar-rikorrenti Sajna Begum, immarkata bħala **Dok IC1** a fol 68 sa 132 tal-proċess, u (b) kopja tal-informazzjoni illi tinsab fuq in-*National Identity Management System* relattiva għar-rikorrenti Sajna Begum, immarkata bħala **Dok IC2** a fol 133 *et seq* tal-proċess;

12. **L-Ispettur Hubert Gerada**, in rappreżentanza tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni[12], esebixxa: (a) kopja tat-talba illi saret minn Dr Michele

[9] Kopja tad-dettalji t'impjieg tar-rikorrent ġew annessi mal-affavit tiegħu bħala **Doc4** a fol 44 tal-proċess
[10] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Diċembru 2021 tinsab a fol 58-59 tal-proċess
[11] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Diċembru 2021 tinsab a fol 65 tal-proċess
[12] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Diċembru 2021 tinsab a fol 137 tal-proċess

Cardinali għan-nom ta' Sanja Begum (**Dok HG1** a fol 139); (b) kopja tar-risposta tal-Ispettur Darren Buhagiar (**Dok HG2** a fol 141); u (c) kopja tal-ittra uffiċjali bin-numru 4364/2020 datata sittax (16) ta' Diċembru 2020 (**Dok HG3** a fol 143);

13. **<u>Is-Supretendent Louise Calleja</u>**, in rappreżentanza tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni[13], xehdet illi nhar it-tlettax (13) t'Awwissu 2020, intbagħtet risposta lil Sajna Begum għat-talba tagħha sabiex tiġi regolarizzata l-*immigration position* tagħha, illi permezz tagħha Begum ġiet informata illi ma ntlaqgħetx it-talba tagħha. Ix-xhud qalet illi nhar l-erbatax (14) ta' Frar 2022 intbagħtet ukoll komunika lill-Avukat ta' Begum bl-istess risposta. L-Ispettur Calleja spjegat illi qabel bagħtu l-ewwel risposta min-naħa tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, huma kienu diġa' kkomunikaw ma' Identity Malta, u raw illi s-sitwazzjoni ta' Begum kienet illi kienet qed titlob regolarizzazzjoni sabiex tkun tista' tmur tapplika għal *Specific Residence Authorisation* (SRA), illi huwa dokument illi jinħareġ u jiġi deċiż mill-Identity Malta. Madanakollu, tenniet ix-xhud, sabiex wieħed japplika għal SRA, il-pożizzjoni tiegħu f'Malta trid tkun regolarizzata. Hija spjegat illi meta tkellmu mal-Identity Malta, irriżulta illi r-rikorrenti Begum ma kinitx ser tikkwalifika sabiex tieħu SRA, u għalhekk l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ddeċieda illi m'għandhiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tagħha. Għaldaqstant, is-sitwazzjoni tagħha kienet irregolari, u cioe kienet qiegħda f'Malta llegalment. Ix-xhud esebiet l-aħħar *e-mail* illi ntbagħtet lill-Avukat tar-rikorrenti Begum, bħala **Dok LC1** a fol 157 tal-proċess, u r-risposta tal-istess Avukat bħala **Dok LC2** a fol 158;

14. Mistoqsija **<u>in kontro-eżami</u>** dwar x'inhuma l-kriterji sabiex l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jirregolarizza persuna li ma tkunx f'Malta b'mod regolari, l-Ispettur Calleja bdiet billi spjegat illi din hija l-eċċezzjoni, u mhux ir-regola. Filwaqt illi l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandu dan il-poter, kull każ jiġi kkunsidrat fuq il-mertu tiegħu, wara illi l-applikazzjoni tiġi diskussa ma' Identity Malta. Id-deċiżjoni tittieħed mal-istess Aġenzija.

[13] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha (in eżami u kontro-eżami) mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2022 tinsab a fol 152 *et seq* tal-proċess

Mistoqsija jekk is-sitwazzjoni tal-COVID setgħetx b'xi mod tinfluwixxi ċ-ċirkostanzi, ix-xhud qalet illi jekk persuna ġiet irregolari fi żmien il-COVID għax spiċċat bla xogħol u ma kienx hemm mezz li joħroġ mill-pajjiż, kien hemm każijiet fejn l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ikkonsidra illi jirregolarizza, iżda kien hemm każijiet oħra fejn saru titjiriet ta' ripatrijazzjoni. Dan għaliex kien jiddependi minn fejn ġej il-persuna, kienx hemm prospett illi dan jirritorna, u jekk kienx hemm titjiriet organizzati. L-Ispettur Calleja kkjarifikat għalhekk illi jekk mal-mument illi persuna ma jkollhiex *residence permit*, hija għandha l-obbligu illi titlaq mill-pajjiż, iżda jekk m'għandhiex possibilta' illi toħroġ mill-pajjiż, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jikkonsidra illi jirregolarizzaha sakemm tali persuna toħroġ jew tapplika sabiex iġġedded il-permess. F'dan il-każ, kompliet ix-xhud, saret komunikazzjoni ma' Identity Malta, u l-Aġenzija informathom illi Begum ma kinitx ser tikkwalifika għal *Specific Residence Authorisation*. Għaldaqstant ma ġietx regolarizzata l-pożizzjoni ta' Begum f'Malta;

15. **Dr Christina Busuttil**, in rappreżentanza tal-Aġenzija Identity Malta[14], xehdet illi r-rikorrenti Begum kienet applikat għal *single permit – still abroad* fis-sena 2017, u l-applikazzjoni tagħha ġiet aċċettata f'Lulju jew Awwissu, b'validita' ta' sena. Wara dik is-sena ma reġgħet applikat qatt m'Identity Malta, sakemm applikat f'Settembru 2021 fuq *humanitarian reasons*, abbażi tal-kawża odjerna, u cioe illi peress illi hemm il-kawża odjerna għaddejja jeħtieġ illi jkollha *residence permit*. Din l-applikazzjoni ġiet rifjutata mill-Identity Malta, u hemm appell pendenti dwar din id-deċiżjoni quddiem il-Bord. Rigward *Specific Residence Authorisation*, ix-xhud qalet illi din hi *policy ex gratia* tal-Gvern li tingħata lil *rejected asylum seekers*, soġġett għal numru ta' kriterji. Hija spjegat illi Mashuk Miah kien applika għal SRA u ngħata SRA fis-sena 2019, fejn iddikjara illi kien miżżewweġ u li l-mara tiegħu għadha tgħix il-Bangladesh. Begum kellha *single permit* validu sal-2018, iżda lill-Aġenzija ma jirriżultalhiex jekk ħarġitx mill-pajjiż wara li skadielha l-permess. L-SRA a bażi ta' *family members* huwa

[14] Traskrizzjoni tax-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta tat-22 t'April 2022 tinsab a fol 163 *et seq* tal-proċess

entitolat għaliha min ikun daħal Malta b'mod irregolari qabel is-sena 2015, iżda pero Begum jirriżulta lill-Aġenzija illi daħlet b'mod regolari b'*single work permit* wara l-2015, u mhux qabel. Ix-xhud esebiet kopja tal-*Policy* ta' *Specific Residence Authorisation* u mmarkata bħala **Dok CB1**[15]. Hija esebiet ukoll kopja tal-applikazzjoni illi għamlet Begum għal *single work permit* waqt li kienet għadha mhix tirrisjedi f'Malta, bħala **Dok CB2**[16], u kopja tal-applikazzjoni illi għamel Mashuk għal SRA fis-sena 2019, bħala **Dok CB3**[17]**.** Ix-xhud qalet illi Mashuk qatt ma daħħal applikazzjoni jew staqsa għal deċiżjoni fuq Begum, u l-unika komunikazzjoni illi għandha l-Aġenzija dwar Begum wara l-applikazzjoni tagħha fl-2017, intbagħtet fis-sena 2021, fejn applikat fuq *humanitarian reasons*. Ix-xhud esebiet din l-applikazzjoni bħala **Dok CB4**[18] u kopja tal-appell intavolat mid-deċiżjoni ta' rifjut tal-Aġenzija Identity Malta bħala **Dok CB5**[19]. Dr Busuttil tenniet illi peress illi Begum ma reġgħet qatt applikat għal xi tip ta' *residence permit*, hija preżentement qiegħda f'Malta b'mod irregolari, u Identity Malta mhix f'pożizzjoni illi taċċetta applikazzjoni intavolata minnha. Difatti kien għalhekk ili l-Aġenzija rrifjutat il-*humanitarian request*;

16. Mistoqsija **<u>in kontro-eżami</u>** jekk jirriżultalhiex illi Begum intavolat applikazzjoni dwar *family reunification,* jew jekk saritx diskussjoni mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni dwar applikazzjoni f'dan is-sens, Dr Busuttil qalet illi l-*Immigration Police* saqsewha jekk Begum hijiex eliġibbli għal *family reunification*, iżda l-Aġenzija wieġbet fis-sens illi Begum mhix hekk eliġibbli. Hija spjegat illi hemm żewġ modi ta' *family reunification:* jew a bażi tal-LS 217.06, fejn l-unika persuni illi għandhom protezzjoni internazzjonali li jistgħu japplikaw għal *family reunification* huma refuġjati, b'dana illi nies illi għandhom *subsidiary protection* huma esklużi, jew a bażi tal-*policy*, illi tgħid illi dik hija *policy* tal-Gvern li ngħatat *ex gratia* għal min mhux eliġibbli taħt il-*family reunification*, iżda hemm miktub ċar fil-*policy* illi persuni b'SRA status m'humiex eliġibbli għal *family reunification* taħt din il-

[15] A fol 171 *et seq* tal-proċess
[16] A fol 185 *et seq* tal-proċess
[17] A fol 249 *et seq* tal-proċess
[18] A fol 268 *et seq* tal-proċess
[19] A fol 299 *et seq* tal-proċess

*policy.* Mistoqsija kif kienet id-diskussjoni mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, Dr Busuttil qalet illi huma staqsewhom jekk Ms Begum kinitx tapplika għal *family reunificaiton,* u min-naħa tal-Aġenzija rrispondew illi ma kinitx eliġibbli, la fit-termini tal-LS 217.06, u lanqas fit-termini tal-*policy*. Mistoqsija jekk tafx x'kienet ir-raġuni illi għaliha Begum applikat għal *residence permit* fuq *humanitarian reasons*, ix-xhud wieġbet illi Begum xtaqet illi jkollha *residence permit* sakemm il-kawża odjerna għadha pendenti. Ix-xhud ġiet mistoqsija jekk għandhiex għarfien dwar ngħatawx permessi fil-passat a bażi ta' xi ħaġa simili, ix-xhud qalet illi jista' jkun, iżda ma jistax wieħed jikkompara każ ma' ieħor għax wieħed irid jara l-fatti ta' kull każ. Ix-xhud żiedet illi mhux possibbli illi tivverifika jekk kienx hemm xi darba xi każ simili, stante illi jirċievu madwar għaxart elef (10,000) applikazzjoni fix-xahar u huwa diffiċli sabiex wieħed idur il-files kollha jfittex a bażi ta' xiex ikun inħareġ *residence permit* fuq *humanitarian reasons*.

**Il-Qorti**

17. Rat l-atti u l-provi preżentati;

18. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

19. Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza;

20. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

**A. <u>Fatti tal-Każ</u>**

21. Peress illi ħafna mill-fatti tal-każ odjern jirriżultaw mill-provi prodotti, u mhux mir-rikors ġuramentat, din il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi tagħmel

primarjament *timeline* tal-fatti kif ġraw, minn dak illi rriżultalha fil-mori tal-proċeduri;

22. Jidher illi l-fatti saljenti tal-każ odjern huma s-segwenti:

a. Fis-sena 2017, ir-rikorrenti Begum applikat għal *single-work permit* waqt li kienet għadha tirrisjedi barra minn Malta, sabiex tiġi taħdem Malta. Din l-applikazzjoni ġiet aċċettata mill-Aġenzija Identity Malta, u kienet valida għal sena, jiġifieri sas-sena 2018 (vide **Dok CB2** a fol 185 *et seq* tal-proċess). Ma jirriżulta minn imkien jekk, hekk kif skada r-*residence permit* ta' Begum, din baqgħetx Malta jew telqitx mill-gżejjer Maltin. Jiġi senjalat f'dan il-punt illi minkejja illi, fl-affidavit tagħha, ir-rikorrenti Begum tgħid illi hija applikat għal *family reunification*[20], mill-applikazzjoni suriferita dan ma jirriżultax illi kien il-każ; iżda jirriżulta illi applikat għal permess ta' residenza sabiex tibda taħdem f'Malta, u cioe dak illi huwa magħruf bħala *Single-Work Permit*;

b. Fis-sena 2019, ir-rikorrenti Mashuk Miah applika għal *specific residence authorisation* (vide applikazzjoni mmarkata bħala **Dok CB3** a fol 249 *et seq* tal-proċess), u f'din l-applikazzjoni indika illi huwa *"Married"* (fuq in-naħa ta' wara ta' fol 252 tal-proċess), u *"I'm married and wife still in Bagladesh"* (a fol 267 tal-proċess). Din l-applikazzjoni ġiet aċċettata mill-Aġenzija Identity Malta;

c. Ir-rikorrenti Begum tgħid fl-affidavit tagħha illi fis-sena 2019 ippruvat terġa' ġġedded il-permess ta' residenza tagħha a bażi ta' *family reunification*, iżda l-applikazzjoni tagħha ma ġietx aċċettata għaliex ma kellhiex visa valida sabiex tirrisjedi f'Malta.[21] B'deċiżjoni tas-27 ta' Novembru 2019, ir-*Refugee Appeals Board* ċaħdet it-talba ta' Begum sabiex tingħata status ta' refuġjata, jew protezzjoni sussidjarja, hekk kif jirriżulta mill-ittra datata 22 ta' Mejju 2020 mibgħuta minn Dalli Paris Advocates għan-nom tar-rikorrenti Begum lill-Uffiċjal Prinċipali tal-

[20] Vide para 4 ta' **Dok A** a fol 34 tal-proċess
[21] Vide para 5 ta' **Dok A** a fol 34 tal-proċess

Immigrazzjoni. F'din l-istess ittra, ir-rikorrenti Begum talbet lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tagħha f'Malta sabiex tkun tista' tintavola applikazzjoni mal-Identity Malta għal xi tip ta' *residence permit*, a bażi tal-fatt illi żewġha għandu *Specific Residence Authorisation* (vide **Dok HG1** a fol 139);

d. Permezz ta' *e-mail* risponsiva datata tlettax (13) t'Awwissu 2020, ir-rikorrenti ġew informati illi l-*policy* dwar SRA hija implimentata mill-Aġenzija Identity Malta, u hija mogħtija biss lil min ikun hekk eliġibbli. Ir-rikorrenti ġew informati wkoll illi sabiex wieħed japplika għal dan l-istatus, għandu jirrikorri għand l-Aġenzija Identity Malta bid-dokumentazzjoni relattiva; iżda pero, fil-każ illi l-applikazzjoni tagħha ma tiġix aċċettata, Begum ikollha titlaq minn Malta u mit-territorju Schengen, sakemm ma tikkwalifikax għal xi tip ta' applikazzjoni oħra għal residenza f'Malta (vide **Dok HG2** a fol 141);

e. Permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 4364/2020 datata sittax (16) ta' Diċembru 2020 spedita lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni (vide **Dok HG3** a fol 143), ir-rikorrenti interpellaw b'mod uffiċjali lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni ta' Begum f'Malta, billi jawtorizzaha tissottometti applikazzjoni mal-Aġenzija Identity Malta. Din l-ittra ġiet notifikata wkoll lill-istess Aġenzija;

f. Il-kawża odjerna ġiet intavolata nhar id-dsatax (19) t'Awwissu 2021;

g. Ir-rikorrenti Begum intavolat applikazzjoni mal-Aġenzija Identity Malta permezz ta' ittra spedita mill-Avukati tagħha għan-nom tagħha datata disgħa (9) ta' Settembru 2021. F'din l-applikazzjoni, Begum talbet illi tingħata permess ta' residenza a bażi ta' raġunijiet umanitarji, u cioe l-fatt illi kienet pendenti l-kawża odjerna (vide **Dok CB4** a fol 268 tal-proċess);

h. L-applikazzjoni ta' Begum għal permess ta' residenza ġiet rifjutata nhar it-tnejn (2) ta' Diċembru 2021 (vide **Doc C** a fol 49 tal-proċess). Permezz ta' *e-mail* spedita mill-Aġenzija Identity Malta lil-legali tar-

rikorrenti Begum, ġie indikat illi *"The application cannot be acceded to in view that Identity Malta Agency can only issue a residence document if the person is legally residing in Malta. The Immigration Act does not give Identity Malta Agency the power to regularise the immigration similar to that of Mrs Sanja Begum. Such power rests only in the discretion of the Principal Immigration Officer whereby in this regard Mrs Begum has sought recourse to the Courts."* (vide **Doc C** a fol 51 tal-proċess);

i. Minn din id-deċiżjoni, Begum intavolat appell quddiem l-*Immigration Appeals Board* (Ref No IAB/RP/64/21) nhar is-sitta (6) ta' Diċembru 2021 (vide **Dok CB5** a fol 299 et seq). Dan l-appell għadu pendenti;

j. Permezz ta' *e-mail* datata erbatax (14) ta' Frar 2022, is-Supt Louise Calleja, fi ħdan is-Sezzjoni tal-Immigrazzjoni informat lil Dalli Paris Advocates illi l-uffiċċju ma kien irċieva ebda talba għal regolarizzazzjoni mingħand Begum wara l-*e-mail* tat-13 t'Awwissu 2020, u li, fiċ-ċirkostanzi, il-pożizzjoni ta' Begum ma setgħetx tiġi regolarizzata (vide **Dok LC1** a fol 157 tal-proċess);

k. Permezz ta' *e-mail* datata ħmistax (15) ta' Frar 2022, il-legali ta' Begum informaw lis-Supt Calleja illi, apparti l-kawża odjerna, Begum kellha wkoll pendenti l-appell quddiem l-*Immigration Appeals Board* rigward l-applikazzjoni a bażi ta' *humanitarian reasons* illi kienet ġiet miċħuda mill-Aġenzija Identity Malta.

## B. <u>Eċċezzjoni Preliminari dwar Leġittimi Kontraditturi</u>

23. Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali u l-Avukat tal-Istat jeċċepixxu in linea preliminari illi huma m'humiex leġittimi kontradittturi għall-pretensjonijiet vantati mir-rikorrenti, stante illi deċiżjonijiet rigward *immigration status* ma jaqgħux taħt il-mansjoni tal-istess intimati;

24. L-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

*181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*

*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*

*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

*(3) Kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat tal-Istat u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull kap ta' dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill-Avukat tal-Istat. In-notifika lill-Avukat tal-Istat ssir bla ħlas lir-reġistratur.*

25. Sabiex din il-Qorti tkun tista' tevalwa min għandu *locus standi* fil-każ odjern, jeħtieġ illi l-ewwelnett issir referenza għat-talbiet rikorrenti;

26. Mit-talbiet rikorrenti jirriżulta lil din il-Qorti illi dak illi qegħdin jattakkaw ir-rikorrenti hija deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tar-rikorrenti sakemm tintavola applikazzjoni għal *residence permit*, liema deċiżjoni ttieħdet mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni fit-termini tal-Artikolu 6(1) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jistabbilixxi s-setgħa tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni illi, *"jagħti permess biex tinżel l-art jew permess biex tinżel l-art u tibqa' Malta lil kull persuna oħra li tasal Malta, taħt dawk il-kondizzjonijiet u għal dak il-perijodu li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jistabbilixxi"* u *"jagħti estensjonijiet tal-perijodu msemmi fl-aħħar paragrafu qabel dan għal dawk il-perijodi l-oħra li f'kull każ l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jagħti u taħt dawk il-kundizzjonijiet, kemm jekk ikunu bħal dawk li ġew imposti qabel kemm jekk le, kif lilu jidhirlu xieraq li jistabbilixxi"*;

27. Dwar il-*locus standi* tal-Avukat tal-Istat f'kawżi kontra entitajiet tal-Gvern, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Akrami Fadl Alla Ebdel Aziz Mobarak et vs Avukat Ġenerali et***[22]:

> *Illi huwa ċar li f'dawn it-talbiet ma jirriżultax li r-rikorrenti qegħdin jattakkaw xi liġi bħala anti-kostituzzjonali, jew altrimenti xi deċiżjoni li ħa l-Avukat Ġenerali stess. Ġialadarba l-interess tal-Gvern f'dawn il-proċeduri huma salvagwardati b'kapijiet oħra, ma kienx jeħtieġ li l-Avukat Ġenerali jiġi mħarrek bħala parti f'din il-proċedura, iżda kellu jiġi biss notifikat bl-atti ai termini tal-Artikolu 181B(3) tal-Kapitolu 12. Tal-istess fehma kienet din l-Onorabbli Qorti diversement preseduta fil-kawża fl-ismijiet* **Vica Limited vs Il-Kummissarju ta' l-Artijiet et** *deċiża fis-27 ta' Jannar 2009:*

---

[22] Rik Ġur 21/2018, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, Onor Imħ Robert G Mangion, 20 ta' Mejju 2019 (in ġudikat)

*L-eċċezzjoni preliminari ta' l-Avukat Ġenerali hija li mhux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża stante li hu ma jagħti ebda kumpens meta art tkun esproprjata għal skop pubbliku u stante wkoll dak li jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li l-Avukat Ġenerali jkun leġittimu kontradittur biss meta minħabba n-natura tat-talba ma tkunx tista' tiġi indirizzata lejn ħadd ieħor. Fil-każ odjern jidher li hemm ħaddieħor li jista' jirrispondi u għaldaqstant l-Avukat Ġenerali għandu jkun liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż.*

*[...]*

*Iżda fl-istess ħin jekk hemm persuna speċifika mgħobbija bir-responsabbilta' tal-ħaġa ma jibqax aktar l-Avukat Ġenerali iżda jkun il-kap tad-dipartiment tal-Gvern inkarigat fil-materja in kwistjoni li jirrappreżenta fl-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji. Fil-każ in eżami huwa ċar u identifikabbli li l-azzjoni hija diretta mis-soċjeta' rikorrenti kontra l-Kummissarju ta' l-Artiji u l-operat tiegħu u għalhekk il-Qorti ssib ġustifikata l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali li f'dan il-każ it-talba tista' tiġi indirizzata lejn ħaddieħor biex jirrispondi għat-talba tar-rikorrent.*

28. Hekk ukoll fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Abdalla Ahmed Abdalla Bashshar vs Ministru tal-Affarijiet Barranin et***[23], illi kienet tirrigwarda deċiżjoni tad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-*Expatriates*

[23] Ċitazzjoni Nru 273/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 26 ta' Frar 2013 (in ġudikat). Ara wkoll Ċitazz Nru 326/04, ***Joseph John Grech vs Avukat Ġenerali tar-Repubblika et***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 10 ta' Marzu 2016 (in ġudikat)

taħt id-direzzjoni u l-kontroll tal-Ministru tal-Affarijiet Barranin, l-Onorevoli Prim Ministru, il-Ministru tal-Intern u l-Avukat Ġenerali ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi, *"Ma ntwera bl-ebda mod li l-imħarrkin l-oħrajn kienu b'xi mod imdaħħla fil-ġrajja kollha jew f'xi parti minnhom."* u *"[L]-fatt li bil-liġi kull att ġudizzjarju mressaq kontra l-Gvern irid ikun notifikat lill-Avukat Ġenerali, ma jġibx b'daqshekk li l-istess Avukat Ġenerali jsir kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi f'kawża bħal dik."*;

29. Fil-każ odjern jirriżulta b'mod mill-aktar ċar, saħanistra anke mit-talbiet rikorrenti stess, illi dik illi qed jikkontestaw ir-rikorrenti hija deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. Ġialadarba l-Uffiċjal huwa l-persuna illi huwa mgħobbi bir-responsabbilita' illi dwarha qed jilmentaw ir-rikorrenti, fit-termini tal-Artikolu 181B(2) u tal-ġurisprudenza suriferita, l-Avukat tal-Istat m'għandu l-ebda *locus standi* fil-każ odjern, iżda kellu biss jiġi notifikat bir-rikors ġuramentat fit-termini tal-Artikolu 181B(3);

30. Mill-banda l-oħra, fir-rigward tal-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali, din il-Qorti tinnota illi filwaqt illi huwa minnu illi l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jaqa' fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali, hekk kif jirriżulta mit-talbiet rikorrenti u mill-fatti tal-każ kif elenkati aktar 'il fuq, huwa l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni illi huwa l-kap tad-"dipartiment tal-Gvern" (u cioe l-*Immigration Section* fil-Korp tal-Pulizija) illi huwa inkarigat mill-materja in kwestjoni fit-termini tal-Artikolu 181B(1). Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali ma kellu bl-ebda mod x'jaqsam mad-deċiżjoni meħuda mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. Konsegwentement, għalhekk, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali lanqas għandu *locus standi* fil-każ odjern;

31. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati Avukat tal-Istat u l-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali, u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

C. **<u>Eċċezzjoni Preliminari illi l-Azzjoni hija perenta fit-termini tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12</u>**

32. L-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(3) Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv.*

33. Fit-talbiet kontenuti fir-rikors ġuramentat, ir-rikorrenti jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeċiedi li l-egħmil amministrattiv illi sar mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sar bi ksur tal-artikolu 469A(1)(a) u 469A(1)(b)(iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi *inter alia* imur kontra d-dritt fundamentali tar-rikorrenti għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja;

34. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Primrose Poultry Products Limited vs L-Onorevoli Prim Ministru et***[24]:

> *Illi, s-sottomissjonijiet magħmula mill-imħarrkin huma siewja u korretti, imma jippreżumu li l-azzjoni attriċi hija waħda li għaliha japplika l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12. Wieħed irid jistaqsi jekk, fil-każ preżenti, dan huwuiex tassew hekk, għaliex il-Qorti wisq taħseb li l-imħarrkin fehmu ħażin x'qegħda titlob minnhom il-kumpannija attriċi. Kif tisħaq il-kumpannija attriċi, huwa evidenti, li meta hi ssemmi ksur ta' jeddijiet fondamentali mħarsa mill-Kostituzzjoni, qegħda timmira lejn azzjoni li titlob stħarriġ ġudizzjarju li jaqa' taħt il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 469A. Il-Qorti, wara li fliet b'reqqa l-kliem taċ-ċitazzjoni ssib li mhux biss il-kumpannija attriċi ma ssemmi qatt espressament il-kliem "ultra vires" iżda l-ilment tagħha*

[24] Ċitazz Nru 1945/00, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 8 ta' Novembru 2001 (in ġudikat)

*huwa fis-sens li ukoll jekk it-tmexxija tal-miżbla hija mħarsa minn disposizzjoni tal-liġi, dan il-fatt waħdu jikkostitwixxi għamil amministrattiv li qiegħed jiksrilha jedd fondamentali tagħha mħares mill-Kostituzzjoni. Il-Qorti ma tħossx li jkun għaqli jew li għandha, f'dan l-istadju, tesprimi l-fehma tagħha dwar kemm hija valida sostantivament din il-pożizzjoni tal-kumpannija attriċi, għaliex din hija l-kwestjoni fil-mertu tal-azzjoni preżenti, imma, għall-finijiet tal-eċċezzjoni taħt eżami, hija biżżejjed biex tbiegħed it-tfassila tal-azzjoni tal-kumpanija attriċi mill-morsa perentorja tat-terminu ta' sitt xhur applikabbli għal azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju li għaliha japplika l-artikolu 469A(3);*

35. Issa fil-każ odjern, ir-rikorrenti jagħmluha ċara fit-talbiet tagħhom illi huma qegħdin jikkontestaw l-egħmil amministrattiv kemm fit-termini tas-sub-inċiż (a) u kif ukoll tas-sub-inċiż (b)(iv) tal-Artikolu 469A(1). L-ilment tagħhom fil-każ tas-sub-inċiż (a), u cioe illi l-egħmil amministrattiv allegatament jikser il-Kostituzzjoni, jirriżulta b'mod ovvju mill-fatt illi l-premessi tar-rikors ġuramentat jitkellmu dwar id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja illi r-rikorrenti qed isostnu illi kisret id-deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. In kwantu t-talbiet tar-rikorrenti huma bbażati fuq l-Artikolu 469A(1)(a), għalhekk, it-terminu ta' sitt xhur stabbilit fl-Artikolu 469A(3) ma japplikax, u dan kif jirriżulta b'mod espliċitu mil-liġi stess, u kif ġie anke spjegat fis-sentenza appena ċitata;

36. Mill-banda l-oħra, f'dak illi jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti fil-każ tas-sub-inċiż (b)(iv), u cioe illi l-egħmil amministrattiv ikun *ultra vires* għax imur mod ieħor kontra l-liġi, l-Artikolu 469A(3) ma jeħtieġ l-ebda spjegazzjoni għaliex huwa ċar: azzjoni fit-termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(i) sa (iv) trid issir fi żmien sitt xhur minn meta r-rikorrent seta' sar jaf, jew sar jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv. Madanakollu, tqum il-kwestjoni dwar minn meta għandhom jibdew jiddekorru s-sitt xhur. Ġie ritenut fis-

sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Ragonesi & Company Limited pro et noe vs Korporazzjoni Enemalta et***[25]:

> *[...] L-ewwel m'għandu jiġi osservat huwa li dan it-terminu huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' sempliċi preskrizzjoni. (Ara sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Zamboni noe v Id-Direttur tal-Kuntratti et*** *hawn qabel ċitata). Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Għalhekk atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu tajbin biex jinterrompu perjodu preskrittiv, jew il-fatt li tkun għaddejja korrispondenza jew li ssir diskussjoni bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għemil amministrattiv, ma jservi xejn biex jinterrompi l-perjodu ta' sitt xhur imsemmija fil-liġi. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Settembru 2003, fil-kawża fl-ismijiet* ***Co-Op Services Limited v. Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku*** *u dik tat-23 ta' Novembru 2011 fil-kawża fl-ismijiet* ***Abdel Hamid Alyassin v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et****).*
>
> *In kwantu għall-kwistjoni ta' minn meta jibda jiddekorri l-perjodu ta' sitt xhur stipulat fl-artikolu in eżami, dan jipprovdi li jibda għaddej minn meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf (skont liema jiġi l-ewwel) b'dak l-għemil amministrattiv li jkun qiegħed jilmenta dwaru. L-Artikolu 469A(3) ma jsemmi xejn dwar il-mod li fih l-attur isir jaf bid-deċiżjoni amministrattiva. Kieku l-leġislatur kellu intenzjoni li dan il-perjodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri biss minn meta l-persuna tiġi milquta b'ordni amministrattiva tiġi informata b'mod uffiċjali u bil-miktub, ċertament il-leġislatur kien jagħmilha espliċita. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-*

[25] Rik Nru 910/2006, Qorti tal-Appell (Superjuri), 24 t'a Novembru 2017

*Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ġunju 2003, fil-kawża fl-ismijiet* ***Denis Tanti v. Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et****).*

37. Fil-każ odjern, id-deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ġiet mgħarrfa lir-rikorrenti permezz t'*e-mail* datata tlettax (13) t'Awwissu 2020[26], fejn, b'risposta għat-talba illi saret permess t'ittra bonarja spedita mil-legali tar-rikorrenti lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tar-rikorrenti Begum f'Malta[27], l-Ispettur Darren Buhagiar mill-*Immigration Section* ikkonferma illi l-*policy* tal-SRA hija implimentata mill-Aġenzija Identity Malta, u li jekk tali applikazzjoni ma tiġix aċċettata, ir-rikorrenti trid titlaq mill-gżejjer Maltin u miż-Żona Schengen. Difatti, fl-ittra uffiċjali spedita mir-rikorrenti lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, ir-rikorrenti interpellaw lill-Uffiċjal sabiex *"jirregolaw il-pożizzjoni tagħha ġewwa Malta, billi tawtorizzaha tissottometti l-applikazzjoni relattiva ma' Identity Malta"*, b'dana illi jirriżulta b'mod ċar illi r-rikorrenti kienu ben konxji tal-fatt illi l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni kien diġa ċaħad it-talba tagħhom sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni ta' Begum f'Malta. In oltre, is-**Supt. Louise Calleja** tixhed ukoll, *"Mela dwar it-talbiet sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni, l-immigration position ngħidulha, ta' Sajna Begum, kienet diġa' ntbagħtet risposta fit-13 ta' Awwissu 2020 fejn ġiet infurmata li ma ntlaqgħetx it-talba tagħha [...]"*[28]. Għaldaqstant, din il-Qorti tikkonsidra illi huwa mit-tlettax (13) t'Awwissu 2020 illi bdew jiddekorru s-sitt xhur;

38. Tenut kont tal-fatt illi l-kawża odjerna ġiet intavolata f'Awwissu 2021, din il-Qorti taqbel mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni meta jeċċepixxi illi l-azzjoni odjerna hija perenta in kwantu tirrigwarda t-talba magħmula fit-termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(iv), u dan preċiżament għaliex kienet għaddiet kważi sena minn meta r-rikorrenti saret taf bl-egħmil amministrattiv tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, u cioe wisq aktar mis-sitt (6) xhur rikjesti mill-Artikolu 469A(3);

---

[26] Vide **Dok HG2** a fol 141 tal-proċess, kif konfermat f'**Dok LC1** a fol 157 tal-proċess.
[27] Vide **Dok HG1** a fol 139 tal-proċess
[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2022, a fol 152 tal-proċess

39. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti qiegħda **<u>tilqa' *in parte* l-eċċezzjoni preliminari tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni rigward l-Artikolu 469A(3)</u>**, u filwaqt illi <u>tiddikjara illi l-azzjoni odjerna hija perenta in kwantu t-talbiet rikorrenti huma bbażati fuq l-Artikolu 469A(1)(b)(iv)</u>, <u>tiddikjara wkoll illi l-azzjoni odjerna mhix perenta in kwantu t-talbiet rikorrenti huma bbażati fuq l-Artikolu 469A(1)(a)</u>, stante illi tali sub-inċiż mhux milqut mill-parametri tal-Artikolu 469A(3).

## D. <u>Eċċezzjoni Preliminari dwar il-fatt illi Stħarriġ Ġudizzjarju ma jistax isir abbażi ta' allegat ksur ta' Drittijiet Fundamentali</u>

40. Fis-seba' paragrafu tar-risposta tiegħu, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jeċċepixxi illi r-rikorrenti qed isejsu t-talbiet tagħhom a bażi tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jitkellem dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, u fl-istess ħin jallegaw illi l-aġir tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni qed jikser id-drittijiet fundamentali tagħhom. Konsegwentement:

   a. It-talbiet tar-rikorrenti mhumiex proponibbli, għaliex ma jistax wieħed jintavola kawża għal stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva u fl-istess ħin jgħid illi d-drittijiet tiegħu ġew leżi;

   b. Din il-Qorti kif vestita fil-ġurisdizzjoni tagħha Ċivili ma tistax taqta' u tiddeċiedi illi xi drittijiet fundamentali ta' persuna ġew leżi, liema kompetenza hija f'idejn il-Qorti Kostituzzjonali;

   c. Din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni u tiddeċiedi dwar ilmenti dwar allegati ksur tad-drittijiet fondamentali;

   d. Illi azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju skont l-Artikolu 469A ma tistax issir abbażi ta' allegat ksur ta' drittijiet fondamentali;

41. Fl-ewwel lok din il-Qorti tibda billi tiċċara illi t-talbiet rikorrenti m'humiex fis-sens illi qed tintalab dikjarazzjoni ta' leżjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, bħalma wieħed isib f'azzjonijiet Kostituzzjonali. Dak illi qed tintalab fil-kawża odjerna hija dikjarazzjoni illi l-egħmil amministrattiv sar bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(a) tal-Kap 12, billi *inter alia* imur kontra d-dritt fundamentali tar-rikorrenti għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja;

42. Fis-sentenza ***Christopher Abela et vs Avukat Ġenerali*** suċitata[29], din il-Qorti kif diversement presjeduta, irrilevat:

> *[...] Ix-xorta ta' ksur Kostituzzjonali li qed jirravisa l-artikolu 469A(1)(a) ma hux dak li jirrigwarda dritt fundamentali, iżda drittijiet oħra taċ-ċittadin li huma protetti mill-Kostituzzjoni li pero' ma jaqħux fil-kategorija tad-drittijiet elenkati f'Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni. Ma hiex ħaġa insolita li jingħata dan ix-xorta ta' dritt ta' natura kostituzzjonali, esklużi pero' mill-operazzjoni u eżerċizzju tiegħu, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, bħal ma huwa fil-każ ta' artiklu 116 tal-istess Kostituzzjoni.*

43. Hekk ukoll, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Hussein Abdi Ismael vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati et***[30], ġie ritenut:

> *Illi l-parti l-oħra tal-ewwel talba mhux amissibbli billi, skont kif stabbilit minn ġurisprudenza kostanti, l-Artiklu 469A(1)(a) jirreferi għal ksur tal-Kostituzzjoni li ma jkunx ksur tal-jeddijiet fundamentali.*

44. Il-Qrati nostrana serrħu b'mod kostanti d-deċiżjonijiet tagħhom fuq il-prinċipji enunċjati u kjarifikati mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet

---

[29] Rik Nru 1164/2012, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Toni Abela, 2 ta' Diċembru 2019 (in ġudikat)
[30] Rik Ġur Nru 37/2018, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Grazio Mercieca, 2 ta' Mejju 2019 (in ġudikat)

***Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali et***[31], u cioe:

> *[...][Din il-Qorti] hi tal-fehma li l-interpretazzjoni korretta li għandha tingħata lill-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-imsemmi Artitkolu 469A hija dik mogħtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza fl-ismijiet* ***Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija****, deċiża fit-2 ta' Novembru 2001. F'din is-sentenza ta'* ***Ciantar****, din il-Qorti kienet esprimiet ruħha hekk:*
>
> > *"... ... (l)l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti f'dawn l-aħħar snin ittantat tidentifika l-limiti tas-subinċiż (1)(a) ta' l-artikolu 469A fi sforz biex tiċċara sa fejn din id-disposizzjoni setgħet tkun in kontrast jew anke in konflitt mal-ġurisdizzjoni oriġinali mogħtija lill-istess Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' rikors ta' kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 34 sa 45 magħdudin ta' l-istess Kostituzzjoni tkun ġiet jew tkun ser tiġi miksura. Kuntrast u konflitt li fil-fehma ta' din il-Qorti huma aktar apparenti milli reali.*
> >
> > *Il-prinċipju kellu dejjem ikun illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza ċivili kellhom jibqgħu separati u distinti anke għaliex ir-rikors taħt kull kompetenza hu regolat bi proċeduri appositi b'finalita' ta' rimedju mhux dejjem identiku. Kif ġja' ġie rilevat f'ġudikati oħra, ir-rimedju taħt l-Artikolu 469A taħt ċerti aspetti kien wieħed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma*

[31] Appell Ċivili Nru 1/2003/1, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Settembru 2009

*kellha ebda limitu fl-għażla tar-rimedju xieraq li setgħet takkorda.*

*Kif aċċennat, l-egħmil amministrattiv jista' jikser il-Kostituzzjoni fir-rigward ta' ħafna jeddijiet tutelati fiha li ma humiex dawk protettivi tal-jeddijiet fundamentali. F'dawn il-każijiet kollha, is-subinċiż (1)(a) taħt eżami issib applikazzjoni immedjata. Fejn, mill-banda l-oħra, l-aġir amministrattiv ikun allegatament leżiv tal-jeddijiet fondamentali, id-domanda kellha tkun jekk l-allegata vjolazzjoni kenitx jew le koperta taħt il-liġi ordinarja ... ... Fejn dawn il-liġijiet jagħtu rimedju għal-leżjoni – u fost dawn il-liġijiet kellu jitqies l-artikolu 469A tal-Kap 12 – individwu kellu l-ewwel jirrikorri għar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunali ordinarji qabel ma jirrikorri finalment għar-rimedju straordinarju quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. ... ...*

*Tikkonkludi biss billi tinnota illi l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti f'tentattiv biex tirrikonċilja dan l-inċiż (1)(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12 u ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fejn si tratta ta' leżjonijiet tad-drittijiet fondamentali, jidher li jiffavorixxi interpretazzjoni bażata fuq l-effettivita' tar-rimedju fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun aċċessibbli f'dawk il-każijiet fejn ir-rimedju effettiv għal leżjoni subita ma setax jingħata taħt l-artikolu 469A. Interpretazzjoni din mhux għal kollox linejari u ma kenitx nieqsa minn diffikolta' interpretattiva. Mill-banda l-oħra, ta' min ifakkar, illi jidher illi l-leġislatur oriġinarjament intenda li, bl-*

*introduzzjoni ta' l-inċiż (1)(a) ta' dan l-artikolu, jintroduċi u jimponi terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur li fih setgħet tiġi avanzata allegazzjoni ta' jeddijiet protetti bil-Kostituzzjoni, inklużi, forsi, wkoll dawk fondamentali, tant illi oriġinarjament l-inċiż (3) ta' dak l-artikolu kien japplika wkoll għall-inċiż (1)(a). Eventwalment u fortunatament wara kontestazzjoni, il-leġislatur ġie konvint jelimina dan il-perjodu preskrittiv in kwantu japplika għal egħmil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni u dana bl-Att IV ta' l-1998. L-emenda pero' bl-ebda mod ma ċċarat il-konflitt apparenti bejn il-kompetenza ċivili u l-kompetenza kostituzzjonali."*

*Fi kliem ieħor – u din il-Qorti tittama li din il-kwistjoni issa tiġi risolta darba għal dejjem, cioe' anke għal każijiet futuri – l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur tagħhom) ma setgħux jiftħu kawża ordinarja għal stħarriġ ġudizzjarju taħt is-subartikolu 1(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti taħt il-Kostituzzjoni, għax dak is-subartikolu jirreferi għal ksur tal-Kostituzzjoni minn egħmil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta għall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta' l-istess Kostituzzjoni jkun jista' jiġi mistħarreġ mill-qrati ordinarji. [...]*

45. Jirriżulta b'mod ċar lil din il-Qorti illi l-ilmenti tar-rikorrenti huma bbażati preċiżament fuq egħmil amministrattiv illi r-rikorrenti qed jallegaw illi kiser id-dritt tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, kif protetti mill-Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, għalhekk, b'applikazzjoni tal-prinċipji legali suesposti għall-fatti tal-każ odjern, din il-Qorti tikkonkludi illi l-ilmenti tar-rikorrenti ma

jistgħux jiġu mistħarrġa minn din il-Qorti fil-kuntest tal-Artikolu 469A(1)(a), u dan stante illi huma marbuta ma' u bbażati fuq allegat ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom.

## E. <u>Eċċezzjonijiet Oħra u l-Mertu tal-Każ Odjern</u>

46. Mill-konklużjonijiet illi waslet għalihom din il-Qorti fir-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrgazzjoni, din il-Qorti ma tarax il-ħtieġa illi tkompli tistħarreġ il-każ odjern fil-mertu, għaliex b'dak illi ġia ġie senjalat aktar 'il fuq, huwa ċar illi l-azzjoni attriċi ma tistax tkompli tiġi kkunsidrata minn din il-Qorti.

## Decide

47. Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

i. **<u>Tilqa'</u>** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u l-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali, u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju;

ii. **<u>Tilqa' *in parte*</u>** it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u tiddikjara illi, in kwantu bbażata fuq l-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12, l-azzjoni tar-rikorrenti hija perenta;

iii. **<u>Tilqa'</u>** ir-raba' eċċezzjoni preliminari tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u tiddikjara illi l-Artikolu 469A(1)(a) ma jgħoddx għal din l-azzjoni, stante illi r-rikorrenti qed jibbażaw l-ilment tagħhom fuq allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom kif protetti mill-Kap 4 tal-Kostituzzjoni u l-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

iv. **Tastjeni** milli tqis il-kumplament tal-eċċezzjonijiet imqajma mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni;

u konsegwentement

v. **Tiċħad** it-talbiet rikorrenti.

Tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**